**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-22 ta' Novembru 2023**

**Rikors Nru : 258/2023 JPG**

**Kawza Nru : 17**

**NA**

**Vs**

**MG**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attur datat 4 ta' Mejju 2023, vide fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993) (ara hawn anness u mmarkat bhala **Dok A** ic-certifikat taz-zwieg anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, JA, MA u SA, li llum huma maggiorenni (ara certifikati tat-twelid hawn anness immarkat bhala **Dok B**);*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'sentenza res judicata moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) (Ara **Dok C** anness – li jinkludi certifikat li ma kienx hemm appell);*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom anke ghaliex il-partijiet ilhom tnax (12) il-sena mifrudin de facto;*

4. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal tnax il-sena.*

5. *Illi ma hemmx tama ta' rikonciljazzjoni;*

6. *Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal- Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija tlieta u dighin (1993) bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata ma ntavolat ebda risposta izda ma topponiex ghad-divorzju.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru 2023 li permezz tieghu giet nominata Dr Anna Maria Cordina Zammit bhala Assistent Gudizzjarju sabiex permezz ta' video conference tisma x-xhieda tal-intimata.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-attur (Vide Fol 85) fejn l-attur iddikjara li ma ghandu ebda trattazzjoni x'jaghmel u stieden lill-Qorti thalli l-kawza ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 87) illi l-partijiet izzewgu nhar is-16 ta' Mejju 1993, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett tifal, illum kollha magiorenni. Sostna illi huma sseparaw permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-26 ta' Ottubru 2021. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (Vide Fol 91) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16 ta' Mejju 1993, liema zwieg jgib certifikat numru 630/1993 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti

Civili (Sezzjoni Familja) (Vide fol 10 et seqq.) datata 26 t'Ottubru 2021. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 630/1993 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**